MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 263/2002

Il-Pulizija
(Spettur N. Harrison)
(Spettur N. Ciappara)

Vs

Josette Bickle

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

1) F'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Settembru, 1996, u fil-perjodu bejn is-16 ta' Mejju 1996 u l-4 ta' Settembru, 1996, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101

tal-Ligijiet ta’ Malta) lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma’ kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w minghajr ma’ kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta);
2) Ikkomettiet dawn ir-reati, liema reati jikkonsistu wkoll fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f’li wiehed joffri li jaghmel dawn l-atti, lill-minuri;
3) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), meta ma’ kienitx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba (4) u tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza, w meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija w ma’ kienitx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Fl-4 ta’ Settembru 1996, ikkomettiet serq ta’ diversi oggetti ghad-dannu ta’ Richard Spiteri mill-Belt, Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u bil-lok;
5) Saret recidiva b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-17 ta’ Gunju 1994 u fis-6 ta’ Lulju 1995 rispettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-6 t'April, 1998, li biha indika l-artikoli tal-ligi li tahthom skond hu setghet tinstab htija kontra l-appellanti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 22(2) tal-Kapitolu 101, 261(c)(e), 267, 269, 279, 280, 281, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja w ikkundannatha ghal terminu ta' sitta w tletin (36) xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputata ghamlet taht arrest, kif ukoll ikkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (LM200), u ordnat lill-istess imputata thallas l-ispejjez tal-esperti nominati.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-31 t'Ottubru, 2002, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w tilliberaha minn kull piena w htija, w f'kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena billi taghti wahda li tirrifletti z-zmien li l-esponenti ghamlet fi programm detenuta taht l-istess programm.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li dawk li xehdu ma kienux kredibbli w ppruvaw iwaddbu fuqha l-htijiet taghhom u barra minn hekk ir-regoli tal-komplici japplikaw kemm fuq is-serq u kemm fuq l-ispacc . Ma japplikawx biss meta x-xerrej jindika lil min bieghlu. L-akkuza ta' serq kienet dubbjuza ghall-ahhar u din kienet rizultat ta' vendikazzjoni w inoltre l-oggetti gew konsenjati lill-appellanti w ghalhekk ma kienx hemm l-amozzjoni invito domino ; 2. l-appellanti kienet hija stess vittma tad-droga u ghalkemm fil-kors tal-process marret taghmel programm sorveljat u restrittiv tal-liberta' dan bl-ebda mod mhu rifless fil-piena; 3. Illi finalment jekk l-appellanti tintbaghat il-habs ma jhalluhiex li tiehu il-metadone w dan b'konsegwenzi gravi ghal sahhitha.

Rat id-Digriet Taghha tad-29 ta' Mejju, 2003 li bih l-appell odjern gie dikjarat dezert;

Rat id-Digriet Taghha tat-2 ta' Gunju, 2003, li bih ordnat ir-ri-appuntament tal-appell wara rikors tal-appellanti ai termini tal-artikolu 422 (1) tal-Kap.9;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2003;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Fliet l-atti kollha processwali nkluzi d-depozizzjonijiet traskritti;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju principalment jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti meta rriskontrat il-htija dwar l-akkuzi w l-addebiti kollha imputati lill-appellanti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn).

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v.

Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.” (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni ma tkunx semghet hi ix-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti , imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk , fejn si tratta

ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda , l-ewwel Qorti ikollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda w rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha , jekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni . Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet din il-Qorti tal-provi , hija ghal kollox sodisfatta li kien hemm altru milli provi bizzejjed fuqhiex l-Ewwel Qorti setghet tistrieh biex issib l-appellanti hatja tal-akkuzi w l-addebiti kollha mressqa kontra taghha.

Ibda biex dwar l-akkuza tal-pussess tad-droga eroina w dwar l-addebitu tar-recidiva ma jista' jkun hemm ebda ombra ta' dubju . Mix-xiehda ta' WPC Ruth Magro (fol.25 et seq.) , P.C. 1065 Neville Grech (Fol.72 et seq.) , P.C. 10 Trevor Cassar (fol. 75 et seq.) u P.C. 349 John Farrugia (fol. 78 et seq.) jirrizulta b'mod inkonfutabbli li s-sustanza li sussegwentement l-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu (fols.39 sa 50) ikkonferma li kienet eroina fi kwantita ta' 3.008 grammi, giet elevata minn ghand l-appellanti fid-dar fejn toqghod. Fl-istqarrija taghha (fol. 33) hi tammetti li dik l-eroina kienet taghha u qalet testwalment :

"Iva. Tieghi. Hemmhekk hemm xi tlitt grammi eroina. Meta gew il-Pulizija hi kienet taht idejja ."

L-istess jinghid dwar l-addebitu tar-recidiva li hu pruvat mis-sentenzi esebiti fil-process u mill-prova tal-identita' li saret minn diversi xiehda, fil-kaz ta' kull wahda minn dawn is-sentenzi.

Ghalhekk dan l-aggravju fir-rigward tal-pussess u r-recidiva mhux biss hu ghal kollox infondat imma hu addirittura wiehed fieragh .

Illi dwar l-akkuza tal-ispacc , hemm ix-xiehda kategorika mhux biss ta’ Richard Spiteri (fol. 60 et seq.) izda dik ukoll ta’ Ronnie Grima (fol. 266 et seq.) li sia pure riluttantement ,fl-ahhar tad-depozizzjoni tieghu, stqarr li hu u l-appellanti kienu jbieghu id-droga eroina flimkien u li hi kienet tatih pakkett xi drabi biex imur barra jiltaqa’ ma xi hadd, biex hu jatih il-pakkett u l-persuna l-ohra tatih il-flus li umbaghad hu kien jatihom lill-appellanti. Kienu jcemplu d-dar tal-appellanti w gieli kellimhom hu w gieli kellmithom l-appellanti w gieli ha l-ordni hu . Illi anki jekk wiehed jikkontendi li dan l-ahhar xhud, bhala komplici, jrid ikun korroborat minn xi cirkostranza ohra materjali , din il-korroborazzjoni tezisti bis-shieh fit-testimonjanza ta’ Richard Spiteri w fil-pussess “in flagrante” tal-istess droga li rrizulta kif fuq intqal. Inoltre hemm ukoll id-depozizzjonijiet guramentati tal-minuri Stanley Whiteford (fol. 96 u 97) fejn ikkonferma quddiem Magistrat l-istqarrija tieghu (fol. 93 sa 94) u ta’ Alan Brown li, ghalkemm miet qabel ma bdiet il-kawza, (Fol. 223) kien lahaq ukoll ikkonferma stqarrija bil-gurament fejn implika bl-aktar mod car u kategoriku lill-appellanti fit-traffikar tad-droga (Fols. 208 , 209 u 210 tal-process) . Illi dawn l-istqarrijiet konfermati bil-gurament , skond l-Artikolu 30A tal-Kap.101 jistghu jingiebu bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b’reat kontra l-istess Ordinanza , kemm il-darba jirrizulta li tali dikjarazzjoni jew xhieda tkun inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’ theddid jew b’ biza’ jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantagg. Fil-kaz ta’ Brown lanqas l-icken ombra ta’ dan ma jirrizulta. Fil-kaz ta’ Whiteford , li ipprova jirritratta dak li kien qal bil-gurament meta xehed f’din il-kawza, ghax qal li meta ghamel l-istqarrija u meta kkonfermaha bil-gurament kien taht l-influwenza tad-droga–apparti li din mhux wahda mir-ragunijiet fuq imsemmija biex tirrendi tali dikjarazzjoni ammissibbli - l-Ewwel Qorti stess ma kienetx konvinta mill-verita’ meta irretratta, tant li ordnat li jigi nvestigat ghall-gurament falz u setghet anki liberament taccetta l-ewwel dikjarazzjoni guramentata bhala prova kontra l-appellanti kieku riedet .

Ghalhekk dawn id-diversi xiehdiet jew stqarrijiet konfermati bil-gurament jikkoroboraw lill-xulxin b'mod li jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-appellanti kienet tispaccja d-droga eroina fuq firxa ta' zmien lil diversi persuni , sahansitra wiehed minnhom anki minorenni . Li tghid li umbaghad dawn l-erba persuni kollha meta gew investigati b'kumbinazzjoni ghazlu li jsemmu lill-appellanti bhala s-"supplier" taghhom tad-droga , biex jitfghu l-htija fuqha la hu sorrett mill-icken prova , mhux verosimili w lanqas probabbli .

Li tghid ukoll li dan sar ghal xi skop ta' vendikazzjoni ukoll mhux sorrett mil-provi w hu ukoll inverosimili w improbabbli li erba persuni differenti jkollhom raguni biex jaghmlu vendikazzjoni lill-appellanti ghal xejn b' xejn.

L-argument tad-difiza li ghax ix-xhieda kif tidher traskritta ma tkunx tirrifletti x'ikun qal ix-xhud imma dak li fehem il-Magistrat huwa wiehed fjakk , ghaliex fil-maggor parti tax-xhieda, huwa dejjem il-gudikant li jiddetta s-sustanza tax-xhieda. Jekk din ma tkunx akkurata w ma tirriflettix dak li jkun qed jghid ix-xhud , sta ghad-difiza li dak il-hin stess toggezzjona ghal dan b'verbal tempestiv u tinsisti biex ix-xhieda titnizzel kif suppost.

Ghalhekk anki dan l-aggravju in kwantu jabbraccja l-kwistjoni tal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti huwa nfondat u qed jigi respint.

Illi umbaghad l-aggravju ta' indoli legali dwar ir-reat tas-serq hu ukoll infondat . Mhux biss tirrizulta b'mod lampanti l-amozzjoni "de loco ad loco" izda ukoll l-element ta' "invito domino" . Di fatti jirrizulta mix-xhieda ta' Richard Spiteri li l-appellanti marret fid-dar ta' Jane Bakush tidghi w titkellem hazin, tant li Spiteri beza' w dahal jistahba go gwardarrobba w l-appellanti, waqt li hu kien hemm mistohbi, hadet hwejjgu ovvjament kontra l-volonta' tieghu , tant li kif telqet hu mar pront jaghmel rapport lill-Pulizija. Fl-istqarrija taghha l-appellanti ghad-domanda jekk il-jum ta' qabel kienetx hadet lil Spiteri xi hwejjeg u affarijiet ohra , wiegbet : "Iva. …Ghax kien seraqli zewgt icrieket. Ili nigri warajh , inkluz il-bierah , mort inhabbatlu ghand Jany

Bakoush u ghalkemm smajtu jitkellem minn wara l-bieb, jien meta dhalt ma sibtux hemm . Ghalhekk dhalt gewwa , hadtlu l-hwejjeg u affarijiet ohra u ghidt lil Jany sabiex tghid lil Rachela sabiex x’hin irid imur ghal hwejjeg jatiha c-crieket lura.” (Fol. 32-33) .Minn dawn il-kliem johorgu car kemm l-element tal-“amotio de loco ad loco” ghax l-oggetti fizikament ittiehdu mid-dar fejn kien jghix Spiteri ghad-dar tal-appellanti fejn sussegwentement instabu u li dan sar kontra r-rieda tal-proprjetarju li rrizulta li kien mistohbi ghax beza’ mill-appellanti . Ghalhekk kienet altru impreciza d-difiza meta fis-sottomissjonijiet orali waqt it-trattazzjoni , qalet li dawn l-oggetti kienu ttiehdu mill-istess ambjent fejn l-appellanti w Spiteri kienu jghixu flimkien. Dan assolutament mhux il-kaz. Hekk anki hawn jirrizultaw l-elementi kollha tas-serq ghax bil-fatt tat-tehid taghhom l-appellanti riedet tikseb vantagg billi jkollha f’idejha oggetti ta’ proprjeta’ ta’ Spiteri halli tikkostringieh li jatiha lura dak li riedet lura minnghandu .

Ghalhekk l-aggravji kollha dwar il-mertu w d-dikjarazzjoni ta’ htija huma nfondati .

Dwar il-piena il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” [14.6.1999] , “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” [24.4.2003] u ohrajn.).

F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi . Di fatti fuq ir-reat tat-traffikar wahdu li jassorbixxi r-reat tal-pussess tad-droga eroina skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 , skond l-artikolu 22 (2) (b) ( i ) tal-Kap.101 , il-piena li setghet tinghata lill-appellanti kienet dik bejn sitt xhur u ghaxar snin prigunerija, u din kellha tizdied bi grad skond it-tieni proviso ghall-artikolu 22 (2) (b) stante li hi nstabet hatja li forniet id-droga lill-minorenni . Umbaghad skond l-artikolu 50 tal-Kap.9 il-piena setghet tizdied bi grad iehor minhabba l-addebitu tar-recidiva. Dan ifisser li l-minimu tal-piena kien ta’ disa’ xhur u l-massimu ghoxrin sena . Oltre dan umbaghad kien hemm ir-reat ta’ serq

kwalifikat bil-lok u bil-valur u l-piena tar-reat fuq imsemmi ta' traffikar setghet addirittura tizdied b'nofs jew b'terz tal-piena ghal dar-reat ta' serq - kif mizjud bi grad minhabba r-recidiva , skond ir-regoli tal-konkors tal-pieni (art. 17 (b) tal-Kap.9.) Ghalhekk il-piena applikata mill-Ewwel Qorti kienet pjuttost wahda miti , meta tqis ir-recidiva, s-serjeta' w l-gravita' tar-reat u l-karattru refrattarju ghall-ahhar tal-appellanti , li anki waqt il-programm li suppost ghamlet biex tehles mid-droga giet sospiza ghal xi zmien ghax kienet qed tiffrekwenta postijiet fejn issir il-prostituzzjoni tard bil-lejl.

Illi t-talba tal-appellanti li miz-zmien tal-piena ghandu jinqata' l-periodu li fih hi marret biex taghmel programm biex tehles mil-vizzju tad-droga, huwa fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll infondat . Ibda biex, jekk l-appellanti ghazlet li tmur taghmel tali programm dan ghamlitu ghal gid u beneficcju taghha. Illi din ma ntbatietx taghmel il-programm mill-Qorti anzi ghamlet rikors biex tinghata l-liberta' provizorja biex tkun tista' taghmel il-programm u l-Qorti laqghet it-talba taghha. Pero' anki jekk fil-programm residenzjali hemm element ta' eghluq, dan qatt ma jista' jigi ekwiparat ma l-ambjent karcerali b'mod li dan il-periodu ghandu jitqies bhala periodu ta' arrest preventiv. Del resto, l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha stess taccetta li "Huwa minnu li l-Qorti ma tistax tordna li jitnaqqas iz-zmien li ghamlet fil-programm" , pero' tghid li "dan iz-zmien ghandu jkun hemm riduzzjoni tal-Qorti "ex officio" fis-sentenza taghha. "

Issa din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti kienet zgur a konoxxenza tal-fatt li l-appellanti ghamlet dan il-programm, tant li akkordatilha l-liberta' provizorja proprju biex tkun tista' taghmlu . Aktar tard, meta l-appellantri fir-re-entry phase giet sospiza mill-programm ghax bdiet tiffrekwenta postijiet tal-prostituzzjoni , semghet ghadd ta' xhieda fir-rigward u tatha l-opportunita' li terga' tkompli biex tispicca l-programm . Ghalhekk mhux il-kaz li l-Ewwel Qorti ma kienetx taf b' dan . Hu veru li fil-parti dispozittiva tas-sentenza ma ordnatx – ghax ma setghetx tordna kif taqbel l-appellanti - li dan iz-zmien jitnaqqas mill-periodu ta' habs kif ghamlet fil-kaz taz-zmien tal-arrest preventiv,

pero' indubbjament li l-Ewwel Qoirti hadet dan ukoll in konsidserazzjoni meta applikat il-piena miti li spiccat applikat fis-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghal ghandha taghmel xi tnaqqis ulterjuriu mill-piena nflitta mill-Ewwel Qorti .

Finalment dwar it-tielet aggravju li jekk l-appellanti tintbaghat il-habs hi ma tithalliex tiehu l-metadone u dan b' perikolu ghal sahhitha, rrizulta waqt it-trattazzjoni orali tal-abbli difensur li l-appellanti kellha tispicca l-kors tal-metadone f'Lulju, 2003 u ghalhekk ladarba dan iz-zmien issa ghadha, dan l-aggravju jidher li m'ghadux rilevanti .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------